**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Dennis Cilia**

**Kumpilazzjoni Numru: 35/13**

**Illum, 2 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dennis Cilia detentur tal-karta tal-identita` numru 257276(M).

Akkuzat talli f'xi hin matul il-gurnata tad-29 ta' Mejju 2012, fi Triq l-Imdina, Attard:

1. Ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz meta giet mimlija l-formula tal-*front to rear*, ai termini tal-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ghamel falsfikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan it-titolu, u cioe` mela' dettalji foloz fuq il-formula tal-*front to rear* ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. Kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra (10) ta' Jannar 2013;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta datata 30 ta' Lulju 2008 (a fol 43) u dan ai finijiet tal-addebitu tar-recidiva;

**Ikkunsidrat** illi din il-kawza tittratta fuq incident awtomibilistiku dak li jissejjah *front to rear* u fejn jimtlew il-formoli appoziti mill-persuni involuti. Illi gara illi Dennis Cilia qed jigi akkuzat talli fornixxa lill-persuna l-ohra li habtet mieghu dettalji foloz dwaru meta dan kien qed jimla' l-formola ghan-nom tieghu.

Illi d-difiza tal-imputat hija illi hu ma jafx jaqra u jikteb u ghalhekk huwa ma kienx iffirma dan id-dokument u allura ma jistax jahlef x'kien kiteb dik il-persuna l-ohra. Izda huwa jsostni illi kien ta' id-dettalji tajbin.

**Ikkunsidrat** illi mix-xhieda tal-persuna li maghha l-imputat kellu l-incident u cioe` **Carl Debono** irrizulta illi l-karrozza tal-imputat dahlet fuq wara tal-karrozza tieghu u dan fi Triq Santa Katerina, Attard. Huwa jghid illi l-imputat kien qed isuq Skoda Felicia bin-numru ta' registrazzjoni KAC 632. Peress li hadd minnhom ma kellu l-formola appozita, ix-xhud cempel lil habib tieghu Luke Camilleri li gabilhom tnejn. Gie fil-post ukoll missier ix-xhud li qara

x'kienet tghid il-formola u mliha ghall-imputat stante li dan kien qalilhom li ma kienx jaf jaqra u jikteb izda l-imputat iffirmaha.

Ix-xhud jghid ukoll illi wara stharrig li ghamel mal-kumpannija assiguratrici kien hemm diversi divergenzi fid-dokumentipprezentat bhala Dok. JR 6 a fol 42 tal-process. Dawn huma isem l-imputat li minflok Dennis kien qallu Darren, l-indirizz tieghu fejn dan kien qallu li joqghod fi 31 Mint Street, Attard fejn suppost ghandha tkun Triq il-Mithna u l-assigurazzjoni tieghu ma kienitx MiddleSea Insurance kif kien qallu l-imputat izda Untours. In-numru tal-identita` ukoll ma kienitx tajba izda kienet tixbah hafna 'il dik tal-imputat b'xi numru wiehed differenti kif jista' jigi kkonstatat meta jitqabbel Dok JR 6 u id-dettalji fl-akkuza.

Xehed ukoll **Edwin Debono** missier Carl Debono li kkonferma l-verzjoni tat-tifel tieghu u fejn ikkonferma wkoll illi hu kien li mela il-formola u kkonferma wkoll illi dan mliha skond l-informazzjoni li kien tah l-imputat imbaghad wara iffirmaw it-tnejn li huma fuq il-parti taghhom.

Xehed ukoll **Luke Camilleri** habib ta' Carl Debono li kien fuq il-post dakinnhar u li kien fornixxa il-formoli u li kkonferma wkoll illi l-imputat beda jaghti l-informazzjoni lil missier Carl u li rah jiffirma l-formola.

Xehed ukoll rapprezentant tat-Transport Malta **Stephen Cachia** li kkonferma d-dettalji tal-karrozza tal-imputat flimkien mad-dettalji personali tieghu.

Finalment xehed l-imputat **Dennis Cilia** li kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u nnega li kien ta dettalji foloz u li ma kienx iffirma il-formola.

**Ikkunsidrat** illi l-Qorti tiddikjara minghajr tlaqliq illi ma temmen xejn il-verzjoni tal-imputat u ghal diversi ragunijiet:

1. illi l-incident *bumper to bumper* sar billi l-karrozza tal-imputat dahlet go dik ta' Carl Debono u ghalhekk kien l-imputat li kellu x'jitlef ghaliex it-tort kien tieghu;

2. illi mill-istqarrija tal-istess imputat *a tempo vergine* huwa jghid illi ried li jirrangaw bejniethom u ghall-ewwel ma riedx li timtela l-formola izda wara ma baqax jaghmel oggezzjoni;

3. illi ma jistax ikun kif qed jipprova jghid l-imputat illi missier Carl Debono mela l-formola hazin ghaliex kien hemm diversi informazzjoni li ma qablitx u hija aktar verosimili illi l-imputat deliberatament fornixxa informazzjoni hazina sabiex ma jigix intraccat. Sahansitra l-kumpannija assiguratrici kienet wahda totalment differenti;

4. illi l-Qorti temmen il-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni illi l-imputat iffirma dik id-dikjarazzjoni. Mhux importanti illi l-firma hija dik tal-imputat o meno ghaliex huwa seta' facilment hazzez xi haga sabiex tixbah xi firma. Dak li hu importanti f'dan l-istadju hu li l-imputat fornixxa taghrif falz fuq dokument li kellu jintuza mill-kumpanniji assiguratrici taz-zewg partijiet.

**Ikkunsidrat** illi l-imputat gie akkuzat taht l-Artikoli 185 (2), 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghidu hekk:

> ***"185. (l) Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni***

***jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.***

***(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.***

***188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:***

***Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.***

***(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.***

***189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.***

***(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."***

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **il-Pulizija v. Alexander Zammit** (deciza 27/04/16 App. Nru. 239 / 2011DS) fejn kienet tittratta fuq fatti simili hafna izda fuq dokument differenti minn dak in ezami u fejn intqal is-segwenti:-

***« Issa, ġie allegat li fuq l-inkartament Dok. IC4 kien hemm xi firem li ma kinux tas-sidien jew ta' min kien jiġġestixxi l-ħwienet, li xi ħwienet fil-fatt kienu magħluqin u li wħud mill-firem kienu jirreferu għal ismijiet jew numri ta' karta ta' identita` ineżistenti. Mela d-dokumenti in kwistjoni kienu dokumenti ġenwini iżda kienu allegatament jikkontjenu dikjarazzjonijiet inveritjeri. Jiġifieri hawn***

> ***si tratta ta' falz ideoloġiku. Konsegwentement la huwa applikabbli l-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, Il-Pulizija v. Raphael Axiaq, 30 ta' Diċembru 2009) u lanqas l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, Il-Pulizija v. Paul Galea, 17 ta' Ottubru 1997). Mela l-appellant ma setax jinstab ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u konsegwentement it-tieni aggravju tiegħu qiegħed jiġi milqugħ. »***

Illi ghall-motivi indikati hawn fuq il-Qorti thoss illi l-imputat ta' informazzjoni falza meta kienet qed tintmela d-dikjarazzjoni *front to rear* u ghalhekk ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 185(2) izda ma gietx ippruvata it-tieni akkuza ghaliex ma harigx mill-provi li dan id-dokument effettivament jintuza ghal xi awtorita` pubblika apparti ghall-assikurazzjonijiet tal-partijiet. Ugwalment it-tielet akkuza ma gietx ippruvata u dan a bazi tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-decizjoni hawn fuq citata.

Illi in kwantu ta' piena li ghandha tigi nflitta il-Qorti tinnota li l-fedina tal-imputat hija wahda pjuttost kulurita fejn dan kien inghata diversi sentenzi ta' sentenzi sospizi u mid-dehra qatt ma tghallem u ghal dan il-motivi u peress li hemm l-addebitu tar-recidiva ser ikollha tinghata piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li rat l-Artikoli 185 (2), 188, 189 u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Dennis Cilia** hati biss tal-ewwel (1) akkuza u stante illi l-addebitu tar-recidiva gie ippruvat qed tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija effettivi.

______________________________________

**Magistrat Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**